**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U GĦOXRIN** **30 TA' ĠUNJU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **24.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 24.1.1 | | Il-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard u s-Sur Kenneth Farrugia nfurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġuni ta' xogħol. L-ittri ta'appolġija ġew milqugħa. |
| | | |
| **24.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 24.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jistax ikun li l-permessi minn TM idumu xhur biex jiġu u sadanittant ma jsir xejn. |
| | | |
| 24.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***24.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| | | |
| 24.3.1. | | Is-Sindku qalet li l-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta qed jipproponu li jsir Memorandum ta' ftehim mal-Kunsilli Lokali biex fjuri u ħaxix selvaġġ ma jinqatax qabel Mejju. Jekk ikun hemm qbil mill-Kunsill jiġi ffirmat dan il-ftehim. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li fejn hemm toroq dojoq u li ma jkunx possibbli li tgħaddi vettura ma jkunx possibbli li ma jsirx qtugħ ta' ħaxix meta meħtieġ. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat il-ftehim. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***24.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 24.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri talab għal telephone box ta' fejn l-għassa issir librerija pubblika. Hu qal li l-Kunsill kien talab u għadu ma ħax risposta. |
| | | |
| 24.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• resident minn Triq il-Wardija qed jgħidu li mhux it-triq kollha ser issir bit-tarmakk. Ser tiċċekja l-post eżatt.<br>• Biex titressaq il-bus stop fi Vjal il-Blue Grotto għax mhux jidher bil-palm. |
| | | |
| 24.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ftit ġimgħat ilu irċieva telefonata mil-Kunsill ta'Borgo Maggiore fejn qal li kien bagħat ittra u l-Kunsill taż-Żurrieq ma weġibx għall-ittra tagħhom.<br>Il-Kunsillier D'Amato infurmaħ li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq kien kitbilhom ittra qabel. |
| | | |
| 24.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-kalendarju 2022 ser ikun fuq ritratti ta' postijiet ta' interess fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 24.4.5 | | Il-Kunsillier Jospeh D'Amato qal li rċieva email mingħand persuna fi Triq il-Barrieri qed toġġezzjona fuq minibus u trakk dejjem ipparkjati fi Triq il-Barrieri li qed jostakolaw il-vista tal-vetturi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għamlet diversi rapporti l-għassa taż-Żurrieq. |
| | | |
| 24.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ż-Żurrieq intgħażel għal taħdidiet fuq Saħħa psikoloġika. Hu insista li dan il-proġett nibdew naħdmu fuqu. Kien hemm qbil li jinġib avviż fuq fb biex jitħajru n-nies javviċinaw dawn it-taħdidiet. Is-Sindku Rita Grima qalet li hi bdiet tkellem lil min hu inkarigat u fil-jiem li ġejjin ser iġġib aktar informazzjoni. |
| | | |
| 24.4.7 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li irċieva ilment li xi ħadd qed iħalli ġebel fi Triq Inglott b'avviż ta' No parking mhux approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li hi stess irrapportat l-għassa u l-pulizija ma ridux imorru fuq il-każ. Imma filgħaxija l-ġebel kien tneħħa. |
| | | |
| 24.4.8 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud tkellem fuq :<br>• Triq il-Wied li hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex ma tibax tiżloq. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex l-art u l-ħajt minn barra tal-out door gym issirilhom manutenzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Inġabret petizzjoni minn residenti ta' Triq il-Pluvieri biex issir sleeping policeman. Kien hemm qbil fuq dan, li tintalab l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| ***24.5*** | | ***Rapporti*** |
| 24.5a | | Audited Financial Statements imħejja mill-accountant tal-Kunsill ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| ***24.5b*** | | ***L-ittra ta' direzzjoni mill-Udituri u r-risposta tal-Kunsill*** |
| | | |
| 24.5b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra ta' direzzjoni mill-Udituri (Management letter) u ir-risposta għaliha. Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| | | F'dan il-ħin 18:10 daħal il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. |
| | | |
| ***24.6*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***24.7a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 24.7a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Sid ta' dar fi Triq Bronja li għandu l-garage ezatt fejn iż-zebra crossing ma jkunx jista jipparkja. Dan l-ilment tressaq ukoll fis-seduta preċedenti u xi Kunsilliera kellhom jaraw il-każ. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuġġeriet li jiġu mitkelma TM fuq dan il-każ. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Trejqet il-Barrieri. – Inġabru l-firem tan-nies li aċċettaw li titpoġġa quddiemhom. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Ħal Far fejn għelieqi partikolari. Inġabret petizzjoni tas-sidien li rieduha quddiemhom. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq Filippu Farrugia viċin il-kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza. Inġabru l-firem għaliha. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM.<br>• Persuna qed toġġezzjona ma' junction box li saret quddiem anzjan fi Triq il-Mitħna minħabba li jekk jipparkjawlu quddiem l-entratura tad-dar ma jkunx jista jidħol u joħroġ sew. Il-persuna qed toġġezzjona għax qed tgħid li naqas parkeġġ. Ma kienx hemm qbil li titneħħa.<br>• Is-CCTV ta' Hal Millieri m'għadhomx jaħdmu. Inġabret stima mingħand il-kuntrattur li jagħti servizz lill-Kunsill fil-manutenzjoni tagħhom. L-istima ta' 8 cameras tiswa 194.70Euro inc vat. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Resident minn Triq San Nikola iffirmaw petizzjoni biex it-triq tintuża mir-residenti biss, minħabba l-ħsarat li qed issir minn vetturi lill-propjeta tagħhom. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Qed isiru ħafna ilmenti biex minn Triq iċ-Ċombini ma tagħddix għal Triq il-Ħaddiema għax bis-sistema li saret dan l-aħħar saret inutli li tgħaddi minn hemm. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jgħarraf lil TM biex tiġi fuq il-post. |
| | | |
| 24.7a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet applikazzjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill – Skema 2021-2022 biex isir ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita "steward" għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Ghawdex.<br>Kien hemm qbil li l-persuna li tinnomina l-Kunsill hi waħda mill-feeders reġistrati mal-Kunsill. L-aktar waħda li fil-fehma tas-Segretarju Eżekuttiv hi affidabbli. Kien hemm qbil fuq dan u fuq il-kriterji li l-persuna taħdem part time u tagħmel lista ta' xogħol li jgħatiha l-kunsill.<br><br>Is-Sindku Rita Grima ressqet il-mozzjoni li din il-feeder partikolari ser tkun l-"steward" f'dan il-qasam. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssekondat il-mozzjoni. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |
| | | |
| 24.7a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ERA kitbet lil kull Kunsill Lokali u obligatu biex jinstalla bring in site ma kull elfejn abitant li għandu fir-raħal. Is-Sindku u l-Kunsillier responsabbli Kenneth Farrugia qablu ma dawn is-siti, (barra is-sit li hemm fejn iċ-ċimiteru), u wara li l-lista daret b'email mal-kunsilliera kollha kien hemm qbil fuqhom.<br>Is-Siti huma dawn:<br>• Fejn Ġnien il-Ġibjun<br>• Fi Triq il-Madonna tal-Ħniena (fejn il-Krois)<br>• Fi Triq il-Wardija (viċin l-iscouts)<br>• F' Side road fi Triq il-Belt Valletta (fejn il-ground tal-football) |
| | | |
| 4.7a.4 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hemm bżonn li ssir reserved parking temporanja minħabba raġuni ta' saħħa fi Triq Santa Katarina. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| **24.8b** | | ***Tenders:***<br>• ***Maintenance of Access Roads and Access only and pedestrian streets – (patching)***<br>• ***Supply of printed stationery***<br>• ***Supply of Printed Material*** |
| | | |
| 24.8b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'Novembru jiskadu t-tliet kuntratti li l-Kunsill għandu fuq ix-xogħlijiet ta' dawn l-imsemmija: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • ***Maintenance of Access Roads and Access only and pedestrian streets – patching***<br>• ***Supply of printed stationery***<br>• ***Supply of Printed Material***<br><br>Kien hemm qbil biex jibda l-proċess biex jinħarġu tenders ġodda. Il-persuna li kienet tagħmel ix-xogħol tal-procurment ma tistax tibqa tagħmel tali xogħol. Instabet persuna oħra biex tagħmel ix-xogħol bl-istess prezzijiet. |
| | | |
| ***24.7c*** | | ***Live Streaming Maintenance Agreement*** |
| | | |
| 24.7c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntratt tal-live streaming skada. Kien hemm qbil li jiġi mġedded għal 3 snin oħra. |
| | | |
| ***24.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 24.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tr-Reġjun Nofsinhar laqgħa numru 48. |
| | | |
| ***24.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 24.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€98,280.61**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsillier Kyle Mifsud |
| | | |
| ***24.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 24.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 Lulju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 28 ta' LULJU, 2021

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**